MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 298/2007/1

**Paul Caruana**

**v.**

**Olena Verbytska Caruana**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili (sezzjoni tal-Familja), fis-16 ta' Jannar 2009, li permezz

taghha dik il-Qorti ddikjarat null iz-zwieg civili celebrat f'Malta bejn il-kontendenti fit-12 ta' Settembru 2000.

**2.** Permezz ta' rikors guramentat prezentat fid-29 ta' Lulju 2007, l-attur ippremetta hekk:

"Illi l-partijiet izzewgu fit-12 ta' Settembru 2000 u minn liema zwieg ma tweldux tfal;

"Illi l-partijiet taw il-kunsens taghhom ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn, tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghal att ta' zwieg, izda ghamlu dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

"Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghhom jew b'anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."

**3.** Premess dan, l-attur talab li z-zwieg in kwistjoni jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

**4.** Permezz ta' risposta pprezentata (bil-lingwa Ingliza) fis-27 ta' Frar 2008, l-konvenuta in sostanza eccepiet li t-talba attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk talbet "that the request should be denied and that applicant should pay all fees and costs."

**Is-sentenza appellata**

**5.** Permezz ta' sentenza moghtija fis-16 ta' Jannar 2009, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) laqghet it-talba tal-attur. Il-parti decizjonali tas-sentenza tghid hekk:

"Ghalhekk il-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-12 ta' Settembru 2000; spejjez fic-cirkostanzi jkunu bla taxxa bejn il-partijiet."

**6.** L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

“Illi l-attur qed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fil-12 ta’ Settembru 2000 a bażi ta’ l-artikolu 19 (1) (d) u (f) – għalkemm mhux indikati testwalment – tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta’ Malta. Il-konvenuta topponi għal din it-talba u f’kull każ kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin f’ materja ta’ żwieġ illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b’hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn m’aħniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabbilta’ ta’ xi kolliżjoni, imma f’kamp l-iktar delikat u serju, u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċjożament wara xi żmien ta’ żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat, pero` dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta’ dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall- annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubbju <u>(Anna Tonna vs Alexander Tonna</u> deċiża mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Novembru 1991).

“L-artikli ċitati mill-attur jirrigwardjaw;

“19(1)(d) – vizzju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b’anomalija serja psikoloġika li tagħmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

“19(1)(f) – li l-kunsens ta’ xi parti jkun inkiseb b’esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ .

“Mill-provi mressqa jidher li ż-żwieġ sar wara li l-attur irrisponda għal riklam f’ġurnal lokali fejn aġenzija appożita kienet qed tlaqqa’ Maltin ma’ nisa barranin għal skopijiet ta’ żwieġ. Eventwalment irċieva *e-mail* minn aġenzija Ukrajna bl-isem ta’ Club Panna. Ħallas somma

konsiderevoli ta’ flus u tela’ l-Ukrajna ma’ ommu. Hemmhekk laqqgħuh mal-konvenuta u għall-bidu ma kienux jikkomunikaw minħabba l-lingwa. Iddeċieda li jiżżewwiġha peress li ħass li kien iħobbha u minħabba l-problemi bil-*visa* żżewġu mingħajr dewmien f’inqas minn tlett xhur wara li ltaqgħu. Naturalment iż-żwieġ spiċċa ħażin għaliex skond l-attur il-konvenuta kienet tagħmel affarijiet strambi, tiġġieled dejjem mal-ġirien u skond hu, anke spiċċat issawtu. Da parti tagħha l-konvenuta tgħid fl-affidavit tagħha li huma iżżewġu għaliex kienu jinħabbu u bl-intenzjoni li jkollhom familja u twaħħal f’omm l-attur għat-tifrik taż-żwieġ, u tgħid illi vvalenatu kontra tagħha.

“Kif qalet il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawża Joseph Zammit vs Bernardette Zammit (27 ta’ Jannar 2006):

“Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-liġi ċivili u ċioe` li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta’ l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u ċioe` li ż-żwieġ huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.

“Is-sub-inċiż (d) fuq imsemmi jsemmi ukoll li ż-żwieġ ikun null jekk ikun affetwat b’anomalija psikoloġika serja u tagħmilha mpossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ. Ta’ min jenfasiżża hawn li l-liġi tagħna tirrikjedi li l-anomalija psikoloġika tkun tali li tagħmilha mpossibbli u mhux sempliċement diffiċli li wieħed jaqdi l-obbligazzjonijet essenzjali taż-żwieġ jew inkella li jassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.

“Rigward id-dispożizzjoni kontenuta fis-sub-inċiż (f) fuq imsemmi, biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jeħtieġ li jiġi provat sodisfaċentement li ż-żewġ partijiet jew waħda minnhom fil-mument tal-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieġ innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew id-dritt għall-att taż-żwieġ, u din l-esklużjoni tkun saret b’att pożittiv tal-volonta` ta’ dik il-parti. Huwa evidenti li din id-dispożizzjoni

tirravviża sitwazzjoni ta' simulazzjoni u għandu jiġi enfasiżżat li nullita` ta' żwieġ bażata fuq il-kawżali ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita` ta' żwieġ minħabba nuqqas ta' esklużjoni ta' ġudizzju. L-inkompatibbilta` bejn dawn iż-żewġ kawżali toħroġ mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju timplika inkapaċita` li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieġ li jkun hemm tali kapaċita` intelletwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta` li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali.

"Fil-kawża Nicholas Agius vs Rita Agius (25 ta' Mejju 1995) intqal illi b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita`; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita` sħiħa u perfetta ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kunċett ġuridiku ntrinsikament marbut mal-kapaċita` ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ. F'dan is-sens ġew deċiżi ukoll il-kawżi Angela Spiteri vs Joseph Spiteri (4 ta' Novembru 1994), Robert Attard vs Josephine Attard (18 ta' Ottubru 1995) u Janet Portelli vs Victor Portelli (14 ta' Awissu 1995).

"Fil-kawża fl-ismijiet Mario Mizzi vs Maris Mizzi (15 ta' Novembru 2005) il-Qorti ta' l-Appell ukoll qalet li biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju jrid ikun hemm l-inkapaċita` psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta ta' l-għazla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali.

"Il-Qorti tħoss speċjalment wara li semgħet lill-attur jixhed li dan huwa każ ta' *res ipsa loquitur*. Bir-rispett kollu lejh, għalkemm il-Qorti se tinstema' ħarxa tgħid hekk, l-attur huwa palesament persuna li mhux kapaċi li jibda relazzjoni normali ma' mara u evidentement kien għalhekk li fittex jagħmel dan permezz ta' aġenzija appożita u ma'

mara barranija. Da parti tagħha l-konvenuta ċertament ħatfet l-opportunita` li titlaq minn pajjiżha u l-kundizzjoni xejn tajba li kienet tgħix fiha, u dan żgur mhux għaliex ħabbet lill-attur. Il-Qorti hija konvinta li l-attur għadu bil-mod sempliċi tiegħu, iħobb lill-konvenuta, iżda dan għaliex kienet l-unika mara (apparti membri tal-familja tiegħu) illi kellu kuntatt mill-vicin magħha f'ħajtu. Il-Qorti temmen li kif qalet il-konvenuta kienet ommu illi finalment allontanatu minnha, iżda ma tħossx li kienet il-kaġun tal-falliment taż-żwieġ, li kien ċertament in-nuqqas ta' raġuni tajba għaliex huma kellhom jiżżewġu. Il-Kodiċi Kanoniku jgħid fl-artikolu 1081(2) illi *consensus matrimonialis est actus voluntatis quo utrique pars tradit et acceptat ius in corpus, perpetum et eclusivum in ordine ad actus per se aptos ad prolis generationem*. Dan ifisser li l-kunsens għaż-żwieġ huwa att volittiv li bih kull parti tagħti u tirċievi d-dritt fuq ġisimhom, perpetwu u esklussiv, fuq atti addattati għall-prokreazzjoni. Il-Qorti temmen li dan il-veru kunsens kien nieqes. Huwa minnu li l-partijiet għamlu diversi tentattivi anke mediċi biex ikollhom it-tfal, iżda dan ma jista' bl-ebda mod jissana n-nuqqas *ab initio* ta' kunsens sħiħ – u dan għar-ragunijiet ġia' mogħtija."

## <u>L-appell tal-konvenuta</u>

**7.** Il-konvenuta appellat minn din is-sentenza, u dana b'rikors prezentat fit-3 ta' Frar 2009. Wara li hija rrikapitolat il-fatti, kif jemergu <u>mill-ftit</u> provi li tressqu f'din il-kawza, l-appellanti fissret li, skond hi, l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni zbaljata fuq il-provi li dik l-istess Qorti kellha quddiemha. Hi tissottometti li ma tezisti assolutament ebda prova li z-zwieg kien null ghal xi wahda mir-ragunijiet avvanzati mill-attur. Tippreciza li, ghall-finijiet tal-kunsens matrimonjali, wiehed irid ihares lejn dan il-kunsens u l-aspetti intenzjonali tal-partijiet fil-mument li gie kkuntrattat iz-zwieg, u li dak li jigri qabel u wara z-zwieg huwa biss indikattiv tal-intenzjoni tal-partijiet. "Dan qieghed jinghad," tkompli l-konvenuta appellanti, "ghaliex mhux kull meta koppja jiggieldu u ma jibqghux jghixu flimkien ifisser illi z-zwieg huwa null." Skond l-appellanti, l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi l-attur "possibilment ghandu karattru dghajjef u forsi [il-Qorti]

kienet influwenzata biex waslet ghal din il-konkluzjoni meta rat kif il-partijiet iltaqghu...", u tghid li l-fatt li l-partijiet iltaqghu permezz ta' *dating agency* "ma jfissirx b'daqshekk illi kull min jiltaqa' b'dan il-mod u eventwalment jizzewweg li dak iz-zwieg huwa wiehed null."

**8.** L-attur appellat, min-naha tieghu, jghid li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-provi u li din il-Qorti ta' l-Appell m'ghandhiex, ghalhekk, tiddisturba l-konkluzjoni hekk milhuqa in prim istanza. Jghid li l-provi kienu tali li juru "bic-car li hawn si tratta ta' kaz fejn l-attur wera bic-car li huwa inkapaci biex jibda relazzjoni normali ma' tfalja u li kien ghalhekk li kellu jirrikorri ghal uzu ta' agenzija barranija u di piu` ma' mara barranija."

<u>**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**</u>

**9.** Din il-Qorti, wara li ezaminat il-ftit provi migjuba f'dan il-kaz, ma tistax hlief taqbel mal-konvenuta appellanti. Jibda biex jinghad li l-ewwel Qorti ghamlet esposizzjoni bazikament korretta tal-ligi in tema ta' simulazzjoni – l-ewwel kawzali – u ta' nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju – imsemmija fit-tieni kawzali. Apparti s-sentenzi li ghalihom ghamlet referenza l-ewwel Qorti, wiehed jista' wkoll jirreferi ghas-sentenzi **Caroline Grech v. Ian Borg** u **Raymond Theuma v. Carmen Theuma**, it-tnejn decizi minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar 2006. Jigi nnutat, pero`, li dwar il-kawzali konsistenti f'anomalija psikologika serja l-ewwel Qorti ma qalet xejn in tema legali. F'dan il-kuntest huwa opportun li jigi ribadit, anke fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi tal-qrati taghna – ara, per ezempju, **Isabelle Zarb v. Stephen Attard** Prim Awla, 21 ta' Novembru 1995, u **Samuela Lea Pavia v. John Pavia** Prim Awla, 20 ta' Mejju 1996 – li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss li l-anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha <u>impossibbli</u>, mhux semplicement <u>difficli</u>, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia li jassumihom. Id-dicitura wzata fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255 hi differenti minn dik uzata fil-paragrafu (c), li jitratta dwar il-qerq, fejn l-espressjoni wzata hi "kwalita` tal-parti l-ohra li <u>tista'</u> mix-

xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga" (sottolinear ta' din il-Qorti). Minn dan jidher car li meta si tratta ta' *dolus*, huwa bizzejjed li l-kwalita` li tkun giet mohbija – mill-kontraent l-iehor jew anke minn terza persuna – bl-iskop li testorci l-kunsens tal-parti fiz-zwieg ikun fiha l-potenzjalita` li tfixkel serjament "il consorzio della vita coniugale". Meta si tratta, izda, tat-tieni parti tal-paragrafu (d), il-legislatur impona kriterji ferm aktar rigidi u ristretti.

**10.** Kif gja osservat, il-provi f'din il-kawza huma skarni b'mod eklatanti. Kullma ressaq bhala prova l-attur huwa l-affidavit tieghu ta' zewg faccati u ftit – fol. 35 sa 37 – u dak iqsar ta' ommu – fol. 60 sa 61. Dana t-tieni affidavit gie ezibit fl-udjenza tad-9 ta' Gunju 2008 wara li fl-udjenza precedenti tal-25 ta' April 2008 l-attur, tramite l-avukat tieghu Dott. Robert Sultana, kien diga` ddikjara li m'ghandux aktar provi! Pero` ma jidher li tqajmet ebda kwistjoni dwar l-ammissibilita` tal-affidavit tal-omm, Catherine Caruana. A fol. 18 sa 32 hemm numru ta' dokumenti li ma jirrizultax min ezattament ezibihom. Dawn huma (1) korrispondenza bejn l-Enemalta Professional Officers Union u l-istess Enemalta dwar kwistjoni rigwardanti x-xoghol ta' l-attur appellat (jirreferu ghal *charges* dixxiplinari li huwa kien inghata fl-2005 u l-2006) (fol. 18 u 19); (2) zewg dokumenti, datati 20/7/2006 u 1/8/2006, dwar kundizzjoni psikjatrika tal-istess attur appellat li minhabba fiha huwa gie meqjus bhala li ghadu "on sick leave" fuq il-post tax-xoghol tieghu mal-Korporazzjoni Enemalta (fol. 20 u 21); (3) ittra datata 12/4/2007, apparentement mibghuta mill-attur, u indirizzata lid-dipartiment tal-immigrazzjoni u cittadinanza tal-Pulizija fejn qed jiddikjara li mhux joggezzjoni li martu tinghata c-cittadinanza Maltija u passaport Malti; u (4) kopja mhux legali tal-kuntratt, datat 29/3/2001, li permezz tieghu l-attur u l-konvenuta xtraw post *shell form* biex jabitaw fih. Dwar dawn id-dokumenti ebda xhud ma gie prodott biex jikkonferma l-awtenticita` ta' l-istess dokumenti jew il-veracita` tal-kontenut taghhom[1]. Mill-

[1] Hemm dokumenti ohra, pero` ezibiti mill-konvenuta – dok. EC a fol. 62, u dokumenti medici taghha, fol. 85 sa 88.

affidavits imsemmija, kif ukoll mill-kontro-ezami ta' l-imsemmija Catherine Caruana u ta' l-istess attur appellat, ma jirrizulta xejn, sal-grad li trid il-ligi f'kawzi civili, sia ghal dak li jirrigwarda simulazzjoni kif ukoll ghal dak li jirrigwarda nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Huwa minnu li l-attur ghaggel biex jizzewweg – u dik setghet kienet decizjoni zbaljata – izda dan il-fatt wahdu u fih innifsu la hu prova w anqas indikazzjoni ta' simulazzjoni jew ta' nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, kif dan il-kuncett huwa recepit fil-gurisprudenza taghna. Kullma wiehed jista' jghid minn dawn il-provi, u fuq bazi ta' probabbilita`, hu li wara li l-kontendenti ppruvaw, sfortunatament bla success, li jkollhom it-tfal, jidher li omm l-appellat dahhlet denbha aktar fin-nofs milli kienet dahhlitu qabel, u bdiet tindahal b'mod li dak li setghet gja kienet sitwazzjoni delikata minhabba l-karattru psikologikament fragli tal-attur spiccat biex wasslet biex il-partijiet jinfirdu *de facto*. Sinjifikanti, per ezempju, huwa l-animu li omm l-attur ghandha kontra l-konvenuta, tant li tipprova tinsinwa fil-kontro-ezami taghha, minghajr ma hemm ebda prova in sostenn ta' dan, li l-istess konvenuta ghandha xi "passat" li minhabba fih ma jistax ikollha tfal ("Ha nghidlek, it-tfal hi kellha l-passat taghha u ma setghetx ikollha" – fol. 66; "It [*in vitrio* fertilisation] failed too, yes. Even the other tube, anke t-tube l-iehor ma kienx tajjeb. Ha nghidlek, ma qaltlux il-passat" – fol. 67). U l-attur, meta ppressat in kontro-ezami, ammetta li kienu l-genituri tieghu, u mhux hu, li riedu jipproponu l-kawza ghall-annullament ("Okay, your question is direct, I give you a direct answer. I didn't start the annulment proceedings myself, but it seems the only way, I don't know...I didn't start the annulment proceedings myself, it was my parents who started the annulment proceedings and I had second thoughts because I, but I dont' think it will work out" – fol. 80). Dan jikkonferma wkoll id-dokument ezibit mill-konvenuta a fol. 62[2].

[2] "Thursday 23rd August 2007: I want to revoke the application of the marriage annulment dated the 19th July 2007 because I don't want the annulment and I want to cancel this application and count it invalidated. This is written with clear mind and conscience and without pressure from anybody or anything. Paul L Caruana I.D………..".

**11.** Dak li jidher li gara hu li l-ewwel Qorti kienet indebitament – u erroneament – impressjonata bil-personalita` ossia bl-apparenza ta' l-appellat meta dan xehed in kontro-ezami. Huwa dan biss li jista' jispjega l-uzu ta' l-espressjoni *res ipsa loquitur* fil-paragrafu penultimu tas-sentenza appellata (espressjoni li, kif gustament osserva l-abbili difensur tal-appellanti fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, tintuza normalment f'xi kollizjoni ta' vetturi fejn it-tracci materjali jkunu tant cari li ma jkunx hemm ghalfejn jigi nominat perit). In fatti huwa dan il-paragrafu li jikkontjeni, b'mod telegrafiku, r-ragunament tal-ewwel Qorti. Bid-dovut rigward lejn dik il-Qorti, il-fatt li persuna tfittex persuna ohra ghaz-zwieg permezz ta' *dating agency*, anke jekk jista' jindika diffikultajiet biex dak li jkun jibda "relazzjoni normali" ma' persuna ohra, ma jfissirx necessarjament li dik il-persuna, fil-mument li kkuntrattat iz-zwieg, ma kienitx kapaci taghraf u tirrifletti (cioe` jkollha "la piena avvertenza") jew li tiddeciedi liberament ("il deliberato consenso") fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali[3]. Hu possibbli li ma kienx hemm din id-diskrezzjoni ta' gudizzju meta l-attur u l-konvenuta zzewgu fit-12 ta' Settembru 2000 – ghax kollox hu possibbli taht il-kappa tax-xemx – izda fin-nuqqas ta' provi, inkluzi provi li jitfghu xi dawl dwar l-istat psikiku tal-attur f'Settembru 2000, ma jistax jinghad li hu probabbli li kien hekk, u huwa dan il-grad ta' prova rikjest f'kawzi civili, il-grad tal-probabbli. Wara kollox l-attur u l-konvenuta ghamlu numru ta' snin jghixu flimkien, u anke ghamlu sforzi genwini biex ikollhom it-tfal u biex jistabilixxu d-dar matrimonjali. Anqas ma tara li kienet korretta l-ewwel Qorti meta rriteniet li l-konvenuta "hatfet l-opportunita` li titlaq minn pajjizha u l-kundizzjoni xejn tajba li kienet tghix fiha, u dan zgur mhux ghaliex habbet lill-attur" (sottolinear ta' din il-Qorti). Ma hemm xejn x'jindika x'kienet il-kundizzjoni tal-konvenuta fl-Ukrajna f'Gunju 2000, apparti l-fatt li biex ikun hemm zwieg ma hemmx ghalfejn xi stat ta' estazi ta' mhabba, izda dak li hu rikjest hu impenn

[3] "…la piena avvertanza e il deliberato consenso. Solo quando l'individuo e` capace della piena comprensione morale e giuridica dell'atto che compie e della perfetta liberta` di elezione e deliberazione nel volerlo e attuarlo si puo` dire che egli l'abbia posto con la piena avvertenza e il deliberato, cioe` nel possesso della sufficiente discrezione di giudizio." – Bersini, F. ***Il Diritto Canonico Matrimoniale*** Elle Ci Di Leumann (Torino) 1994, p. 97.

deliberat u liberu ghall-futur fir-rigward tad-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg. Konsegwentement din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-fehma ta' l-ewwel Qorti li f'dan il-kaz "il-veru kunsens [ghaz-zwieg] kien nieqes".

**<u>Decide</u>**

**12.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u konsegwentement tichad it-talba attrici. L-ispejjez, kemm tal-ewwel kif ukoll ta' din l-istanza, ghandhom jigu sopportati mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------